# OPPORTUNITAJIET INDAQS LILL-PERSUNI B'DIŻABILITA`

## APPLIKAZZJONIJIET GĦAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITA` (KNPD)

DAWN IL-FORMOLI U AKTAR INFORMAZZJONI JISTGĦU JINKISBU
BIL-MALTI JEW BL-INGLIŻ
MINN FUQ IL-WEBSITE www.knpd.org
JEW MILL-UFFIĊINI TAL-KNPD F'DAWN IL-FORMATI :

- STAMPATI BIL-MALTI
- TIPA KBIRA BIL-MALTI
- STAMPATI BL-INGLIŻ
- TIPA KBIRA BL-INGLIŻ

AKTAR INFORMAZZJONI DWAR DAWN IS-SERVIZZI TISTA' TINKISEB
MILL-UFFIĊINI TAL-KNPD
JEW MILL-KTEJJEB
*SERVIZZI U BENEFIĊĊJI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITA`*




Bugeja Institute, Triq Braille, Sta. Venera SVR1619 - MALTA
Telefon: 2278 8555 ● Fax: 2278 8490 ● SMS biss/only: 7978 8555
Website: http://www.knpd.org/ ● Email: helpdesk@knpd.org

LEJN OPPORTUNITAJIET INDAQS GĦAL KULĦADD

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITA'**

## Noti Importanti :

1. F'paġna 3 hemm il-formola li trid timtela **dejjem** bid-dettalji tal-persuna b'diżabilità.
2. Iċ-ċertifikat mediku li hemm f'paġna 4 irid jimtela mit-tabib tal-persuna b'diżabilita' f'dawn il-każijiet biss , jekk :

   a. qed tapplika għall-ewwel darba għal xi servizz tal-KNPD
   b. se ġġedded is-Servizz tal-Karta ta' l-Identita' Specjali jekk din inħarġet fuq bażi temporanja
   c. se ġġedded il-Blue Sticker jekk din inħarġet fuq bażi temporanja

3. Minn paġna 5 sa 8 wieħed jista' jsib l-applikazzjonijiet differenti għal servizzi mmexxija mill-KNPD. L-applikant/a irid/trid jimla/timla biss skond liema servizz qed japplika għalih.

**ĦINIJIET LI FIHOM TISTA' TIKKUNTATTJA LILL-KNPD PERSONALMENT JEW BIT-TELEFON**

| | Jannar – Diċembru |
|---|---|
| It-Tnejn | 8:15 am - 12:00 pm<br>1:30 pm - 5:00 pm |
| It-Tlieta sal-Ġimgħa | 8:15 am - 12:00 pm |

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) tipproċessa d-data personali skond il-liġi Dwar il-Privatezza tad-Data (2001). Id-data tiegħek tinżamm b'mod kunfidenzjali iżda tista' titqassam lil terzi persuni sabiex jiġi pprovdut l-aħjar servizz lilek, jew inkella kif teħtieg il-liġi. Data dwarek tista' wkoll tinġabar minn terzi persuni għal dawn l-għanijiet. Għandek id-dritt għall-aċċess għad-data personali tiegħek pproċessata mill-KNPD. Jekk jogħġbok oqgħod attent/a li meta timla din il-formola tipprovdi data li hija korretta u jekk din id-data tinbidel avża lill-KNPD minnufih.

**DETTALJI TAL-PERSUNA B'DIŻABILITÀ.**

Imla b'ittri kbar. Numri 12,13, 14 u 15 jistgħu jitħallew vojta.

| | |
|---|---|
| **1. Isem** | |
| **2. Kunjom** | |
| **3. Nru tal-ID Card** | ( ) |
| **4. Data tat-twelid** | **5. Raġel** ❑ **Mara** ❑ |
| **6. Nru tal-bieb** | |
| **7. Isem tad-dar** | |
| **8. Isem tat-triq** | |
| **9. Lokalità** | |
| **10. Kodiċi postali** | **11. Malta** ❑ **Għawdex** ❑ |
| **12. Nru tat-telefon** | |
| **13. Nru tat-textelefon** | |
| **14. Nru tal-mobile** | |
| **15. Email** | |

Minn żmien għal żmien il-KNPD tuża l-informazzjoni li qed tagħtina sabiex hi tibgħat informazzjoni li tkun ta' benefiċċju speċifiku lill-persuni b'diżabilità reġistrati magħha. Dan jista' jsir anke fuq talba ta' entitajiet oħra. Biex tagħmel dan, il-KNPD għandha bżonn **il-permess tiegħek**. Għalhekk immarka **numri 16 u 17** skond kif tixtieq. Jekk għal xi raġuni dawn il-mistoqsijiet jitħallew vojta, il-KNPD tqis li inti tixtieq tirċievi dan il-materjal.

**(Immarka ✓ fejn applikabbli għalik)**

| **Jien nixtieq nirċievi informazzjoni mibgħuta mill-KNPD :** | | |
|---|---|---|
| **16. tal-KNPD stess** | **Iva** ❑ | **Le** ❑ |
| **17. ta' entitajiet oħra** | **Iva** ❑ | **Le** ❑ |
| **18. Firma ta' l-applikant/a b'diżabilità *** | | |

| **19. Isem, kunjom u Nru tal-ID ta' min iffirma** | **20. Data** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | J | J | X | X | S | S | S | S |
| **ID** ( ) | | | | | | | | |

* Tista' tiġi ffirmata mill-ġenituri jew tutur tal-persuna b'diżabilità f'dawk il-każijiet biss fejn:

- il-persuna b'diżabilità hija taħt it-18-il sena; jew
- il-persuna ma tistax tiffirma għaliha nnifisha minħabba d-diżabilità tagħha

# ĊERTIFIKAT MEDIKU

Din l-informazzjoni trid tingħata mit-tabib tal-persuna b'diżabilità.

**1. Isem u Kunjom il-persuna b'diżabilità** ______________________

**2. Karta ta' l-identità tal-persuna b'diżabilità** | | | | | | | | ( ) |

**3. Id-diżabilità/diżabiltajiet permanenti hija/huma:** (Immarka ✓ fejn applikabbli)

- Fiżika ❑
- Psikoloġika ❑
- Intellettwali ❑
- Nuqqas ta' smigħ ❑
- Nuqqas ta' viżta ❑

**4. Immarka ✓ għal-liema servizz/i qed tapplika il-persuna b'diżabilità.**

A. Karta ta' l-Identita' Speċjali ❑ B. Blue Sticker ❑
Ċ. Servizz Għajnuniet Speċjali ❑
D. Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Karozza ❑
E. Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq ❑

**5. Agħti dettalji ċari tad-diżabilità u kif qed taffettwa lill-applikant/a fil-ħajja ta' kuljum. Aktar ma tingħata informazzjoni dettaljata u ċara, aktar l-applikazzjoni tkun tista' tiġi pproċessata malajr.**

______________________
______________________
______________________
______________________
______________________

**6. Id-diżabilità bdiet** Mat-twelid ❑ Meta kellu/ha ___snin

**7. Il-persuna tista' tiffirma ghaliha nnifisha** Iva ❑ Le ❑

**Min se japplika għall-Blue Sticker għandu jimla mistoqsija numru 8 wkoll.**

**8. Il-persuna b'diżabilità għandu/ha diffikultà permanenti biex timxi?** Iva ❑ Le ❑

______________________
*Firma tat-Tabib/a*

______________________
*Isem u Kunjom (Ittri kbar)*

______________________
*Numru tar-Reġistrazzjoni tat-tabib*

*Timbru Uffiċċjali*

______________________
*Data*

**NOTA:**
Jekk inti ser tippreżenta ċertifikat mediku aktar reċenti separat minn din il-formola, inti mitlub/a li timla xorta waħda il-kaxxi numru 1, 2, 3, 4, 6, 7 u 8.

## Applikazzjoni għall-Karta tal-Identita' Speċjali

L-għan tal-Karta tal-Identita' Speċjali hu li tgħin persuni b'diżabilità jieħdu sehem aktar sħiħ fis-soċjeta' Maltija.

Il-Karta tal-Identita' Speċjali toħroġ mill-KNPD lill-persuni li għandhom diżabilità.

1. Flimkien ma' din il-formola trid tibgħat **żewġ ritratti reċenti ta' daqs ta' 40mm X 30mm tal-persuna b'diżabilità** li fuq wara ta' wieħed minnhom irid ikollu:
   - il-kliem "Niċċertifika li dan hu r-ritratt ta' ______________________
     (isem u kunjom tal-persuna b'diżabilità)
   - il-firma ta' persuna li taf sewwa lill-persuna b'diżabilità u dan jista' jkun kap ta' skola jew ċentru ta' matul il-jum, qassis (jew reliġjuż ieħor), *social worker*, professjonist, *nurse*, sindku jew segretarju tal-kunsill lokali, jew xi uffiċjal b'kariga bħal din.

2. Min jixtieq iniżżel xi dettalji oħra fuq wara tal-Karta tal-Identita' Speċjali hu mitlub li jimla din il-parti ta' hawn taħt.

Nru tal-Karta ta' l-Identita' (tal-Pulizija) : Iva ❑ Le ❑

Nru tat-telefon : Iva ❑ Le ❑

Attakki epilettiċi : Iva ❑ Le ❑

Nieħu l-insulina: Iva ❑ Le ❑

Nieħu l-warfarina Iva ❑ Le ❑

Grupp tad-demm: Iva ❑ Le ❑ X'inhu: _______

Għandek xi allerġiji? Iva ❑ Le ❑

(jekk IVA, x'inhuma: ____________________________________ )

Nikkomunika bil-Lingwa tas-Sinjali: Iva ❑ Le ❑

Kummenti dwar (speċifika d-diżabilita') * ____________________________

* Xi għaqdiet talbu lill-Kummissjoni li fuq in-naħa ta' wara tal-Karta tal-Identita' Speċjali jitniżżlu kummenti dwar xi diżabilita' partikulari. Kopja ta' dawn il-kummenti jistgħu jinkisbu mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-website tal-KNPD: **www.knpd.org**. Jekk tixtieq li xi wieħed minn dawn il-kummenti jitniżżlu fuq il-Karta tal-Identita' Speċjali tiegħek, indika liema kumment trid.

**NOTI :**

- Inti mitlub/a li timla ċ-ċertifikat mediku li jinstab f'paġna 4.
- Professjonist/a tal-KNPD t/jista' j/tintalab li t/jeżamina l-applikazzjoni f'aktar dettal.

**Applikazzjoni għall-Blue Sticker**

(Permess għall-Parkeġġ tal-Persuni b'Diżabilita')

L-għan ta' dan is-servizz hu li persuni b'diżabilità li għandhom nuqqas ta' mobilita' jkunu jistgħu jipparkjaw f'postijiet riservati apposta għalihom f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll f'pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan is-servizz jingħata mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq rakkomandazzjoni tal-KNPD.

1. Flimkien ma' din il-formola trid tibgħat **żewġ ritratti reċenti ta' daqs ta' 40mm X 30mm tal- persuna b'diżabilità** li fuq wara ta' wieħed minnhom irid ikollu:
   - il-kliem "Niċċertifika li dan hu r-ritratt ta' _______________________ "
     (isem u kunjom tal-persuna b'diżabilità)
   - il-firma ta' persuna li taf sewwa lill-persuna b'diżabilità u dan jista' jkun kap ta' skola jew ċentru ta' matul il-jum, qassis (jew reliġjuż ieħor), social worker, professjonist, ners, sindku jew segretarju tal-kunsill lokali, jew xi uffiċjal b'kariga bħal din.
2. L-istiker żgħira li hi mwaħħla ma' din l-applikazzjoni biex din titwaħħal mal-Blue Sticker. Din trid tkun iffirmata mill-istess persuna li ffirmat l-applikazzjoni f'paġna 3)
3. Ċekk ta' €11.50 indirizzat lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'. (Flus mibgħuta bil-posta ma jiġux aċċettati.)

**NOTI:**

- Inti mitlub/a li timla ċ-ċertifikat mediku li jinstab f'paġna 4.
- L-applikanti kollha jingħataw appuntament sabiex jattendu għal viżta mill-professjonist/a tal-Kummissjoni.
- Il-Blue Sticker tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-firma u t-timbru ta' l-uffiċċju tiegħu.

## Applikazzjoni għas-Servizz Għajnuniet Speċjali

L-għan ta' dan is-servizz hu li jgħin persuni b'diżabilità jakkwistaw għajnuniet speċjali ħalli jkunu jistgħu jixtru apparat li jgħinhom jgħixu ħajja indipendenti.

Il-KNPD tagħti din l-għajnuna permezz ta' pariri u / jew għotjiet ta' flus.

### Imla l-informazzjoni ta' hawn taħt :

L-apparat li qed tapplika għalih huwa ________________________________

________________________________________________________________

### Ma' din il-formola inti mitlub/a li tibgħat ukoll :

1. Dokumenti li jagħtu dettalji dwar l-apparat (eż. fuljetti mingħand l-aġent jew bejjiegħ)
2. Stima ta' l-apparat
3. Waħda minn dawn
   - L-aħħar formola ta' l-Income Tax
   - L-aħħar formola ta' l-FS3
   - Ic-*chit* tal-pensjoni ta' l-anzjani
   - Ic-*chit* ta' xi benefiċċju ieħor maħruġ mis-Sigurtà Soċjali (eż. pensjoni għall-persuni b'diżabilità)
4. Rapport ta' terapista. (Sabiex ikun jista' jiddeċiedi, il-Bord għandu bżonn ta' rapport ta' terapista. Jekk inti qed tirċievi servizz mingħand xi terapista tal-Gvern jew ta' xi organizzazzjoni rikonoxxuta, dan ir-rapport jista' jsir minnhom fuq formola apposta li tista' tinkiseb mill-KNPD. Jekk m'għandikx dan is-servizz ta' terapista, il-Kummissjoni tibgħat il-professjonista tagħha biex isir dan ir-rapport.)
5. Kull informazzjoni oħra li tista' tgħin lill-bord jasal għad-deċiżjoni tiegħu.

**NOTI:**

- L-applikazzjoni tas-Servizz Għajnuniet Speċjali tiġi eżaminata minn Bord imwaqqaf apposta mill-KNPD.
- Il-KNPD iżżomm id-dritt li tivverifika d-dikjarazzjonijiet mogħtija minnek mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, tas-Sigurta' Soċjali u l-Community Chest Fund.
- L-apparat li qed tapplika għalih **ma jridx ikun mixtri diġa** qabel ma jkun sar ir-rapport professjonali tal-KNPD jew intbagħat r-rapport kif spjegat f'paragrafu 4.
- Persuni li jkunu rċevew xi benefiċċju minn dan is-servizz u jiġi ppruvat li taw informazzjoni mhux eżatta jew żbaljata jittieħdu l-passi kollha biex iroddu lura l-assistenza finanzjarja mogħtija jew parti minnha skond il-każ.

# Applikazzjoni għal Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Karozza

L-għan ta' dan is-servizz hu li jgħin persuni b'diżabilità jew il-familjari tagħhom ikollhom mezz adattat ta' trasport.

Il-Ministru tal-Finanzi fuq rakkomandazzjoni tal-KNPD jagħti eżenzjoni (sħiħa jew parti) mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq dawn il-karozzi.

## Imla l-informazzjoni ta' hawn taħt :

1. L-applikant/a għandu/ha bżonn : *(Immarka ✓ fejn applikabbli)*
   - a. karozza normali ❑
   - b. karozza b'modifiki speċjali ❑
   - ċ. karozza awtomatika ❑
   - d. vann speċifikament adattat biex jieħu siġġu tar-roti ❑
2. L-applikant/a j/tirċievi allowance għal tfal b'diżabilità jew pensjoni tal-persuni b'diżabilita' mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ? Iva ❑ Le ❑
3. Diġa ħadt xi eżenzjoni fuq karozza qabel ? Iva ❑ Le ❑

   Jekk IVA, x'inhu n-numru tal-karozza li fuqha ħadt eżenzjoni? ☐☐☐ ☐☐☐
4. Għandek liċenzja personali tas-sewqan mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija ? Iva ❑ Le ❑
5. Eta' tal-persuna b'diżabilità: ______ snin

**Ma' din il-formola inti mitlub/a li tibgħat ukoll :**

1. Fotokopja tal-liċenzja tas-sewqan
2. Fotokopja tal-allowance għal tfal b'diżabilita' jew pensjoni tal-persuni b'diżabilita' *(jekk hu l-każ)*

**NOTI**

- F'każ li l-applikazzjoni hija għall-karozza modifikata, jinżamm id-dritt li l-vettura tiġi eżaminata.
- Xi applikanti li jieħdu din l-eżenzjoni jikkwalifikaw ukoll għall-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq. Jekk tikkwalifika, m'hemmx bżonn tibgħat aktar informazzjoni u/jew timla l-formola f'paġna 9.
- L-eliġibilita' għall-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq ma tfissirx li min għandu l-Liċenzja tat-Triq ma jħallasx l-ispejjeż żejda dovuti għall-emissjonijiet $CO_2$. Hija fir-responsabilita' ta' min għandu l-Liċenza tat-Triq li jiċċekkja dwar dan il-ħlas mat-Transport Malta.
- Sabiex tkun tista' tkompli taħdem fuq din l-applikazzjoni hu meħtieġ li l-KNPD tagħmel kuntatti mal-Ministeru tal-Finanzi, id-Dipartiment tal-Liċenzji u mad-Dipartiment tal-VAT.

## Applikazzjoni għall-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

L-għan ta' dan is-servizz hu li jgħin persuni b'diżabilità jkollhom mezz ta' trasport adattat għalihom.

Dan is-servizz jingħata mill-Ministeru tal-Finanzi fuq rakkomandazzjoni tal-KNPD.

Min qed japplika għall-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq **BISS** jimla din il-formola.

Min qed japplika għall-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Karozza flimkien ma' l-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq, m'hemmx għalfejn ikompli jimla din il-formola.

**Imla l-informazzjoni ta' hawn taħt :**

1. L-applikant għandu: *(immarka ✓ fejn applikabbli għalik)*
   a. karozza normali ❑
   b. karozza b'modifiki speċjali ❑
   ċ. karozza awtomatika ❑
   d. vann speċifikament adattat biex jieħu siġġu tar-roti ❑
2. Agħti n-numru tal-karozza li se tkun eżentata: ☐☐☐ ☐☐☐
3. Għandek jew kellek diġa eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq fuq karozza oħra ? Iva ❑ Le ❑
   Jekk IVA, x'inhu n-numru ta' dik il-karozza? ☐☐☐ ☐☐☐
4. Inti tirċievi l-pensjoni tad-diżabilita' ? Iva ❑ Le ❑
5. Inti għandek liċenzja tas-sewqan ? Iva ❑ Le ❑

**Ma' din il-formola inti mitlub/a li tibgħat ukoll :**

1. Fotokopja tal-log-book tal-karozza involuta
2. Fotokopja tal-liċenzja tas-sewqan
3. Fotokopja tal-liċenzja tat-triq
4. Fotokopja tal-pensjoni tal-persuni b'diżabilita' *(jekk hu l-każ)*

**Importanti li l-log-book u l-liċenzja tas-sewqan ma jkunux skaduti.**

**NOTI**

- Sabiex tkun tista' tkompli taħdem fuq din l-applikazzjoni hu meħtieġ li l-KNPD tagħmel kuntatti mal-Ministeru tal-Finanzi u mad-Dipartiment tal-Liċenzji.
- L-eliġibilita' għall-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq ma tfissirx li min għandu l-Liċenzja tat-Triq ma jħallasx l-ispejjeż żejda dovuti għall-emissjonijiet $CO_2$. Hija fir-responsabilita' ta' min għandu l-Liċenza tat-Triq li jiċċekkja dwar dan il-ħlas mat-Transport Malta.